



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2023
COM(2023) 98 final

2023/0049 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-prodotti
fertilizzanti tal-UE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 99 final} - {SWD(2023) 48 final} - {SWD(2023) 49 final} -
{SWD(2023) 50 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/1009¹ li jistabbilixxi regoli dwar id-disponibbiltà ta' prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq. Dan ir-Regolament jieħu post ir-regoli ta' armonizzazzjoni dwar il-fertilizzanti tal-KE, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2003/2003².

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jintroduċi rekwiżiti tat-tikkettar ferm aktar estensivi minn dawk tar-Regolament (KE) 2003/2003. Dan biex jirrifletti d-domandi u t-tħassib soċjali ġodda, u l-fatt li r-regoli l-ġodda fetħu drastikament is-suq tal-UE għall-prodotti innovattivi u mhux magħrufa, u għalhekk jeżiġu informazzjoni aħjar għall-utenti. Madankollu, it-tikketti miżgħuda bil-kliem joħlqu żewġ problemi: ikunu diffiċli biex jinqraw mill-persuni interessati u diffiċli biex jiġu mmaniġġjati mill-operaturi ekonomiċi. L-għoti ta' ħafna dettalji fuq it-tikketta jagħmilha diffiċli biex tiġi identifikata l-informazzjoni essenzjali u jaf tkun teħtieġ ukoll aġġornamenti spissi, u b'hekk jiżdiedu l-kostijiet tat-tikkettar.

Din il-proposta hija regolata mill-istess objettivi ġenerali bħar-Regolament (UE) 2019/1009, jiġifieri li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Bħala rispons għaż-żewġ problemi identifikati, din il-proposta ssegwi żewġ objettivi speċifiċi, jiġifieri li: ittejjeb il-leġibbiltà tat-tikketti u tiffaċilita l-immaniġġjar tagħhom mill-operaturi ekonomiċi.

• Konsistenza mar-regoli eżistenti fil-qasam tal-politika

Il-prodotti fertilizzanti huma parti mill-katina alimentari u jirrappreżentaw porzjon għali tal-prezz tal-prodotti agrikoli. Fil-Komunikazzjoni tal-2021 dwar il-prezzijiet tal-enerġija³, il-Kummissjoni għarfet id-diffikultajiet ekonomiċi li qed iġarrab l-industrija tal-fertilizzanti intensiva fl-enerġija wara ż-żieda drammatika fil-prezzijiet tal-enerġija mill-ħarifa tal-2021 'l hawn. Bħalma tispjega l-Komunikazzjoni tal-2022 dwar is-sigurtà tal-ikel⁴, il-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna kompliet taggrava d-diffikultajiet ekonomiċi li qed taffaċċja l-industrija.

Il-kuntest politiku u ekonomiku diffiċli attwali jeżiġi, qabelxejn li titħaffef it-tendenza attwali li titjieb l-effiċjenza fl-użu tal-prodotti fertilizzanti u, it-tieni, li jittaffew il-kostijiet biex il-prodotti fertilizzanti jaslu fis-suq. Din il-proposta tappoġġa ż-żewġ tendenzi tal-politika dwar il-prodotti fertilizzanti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1).

² Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1-194).

³ Il-Komunikazzjoni tat-13 ta' Ottubru 2021 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ (COM/2021/660).

⁴ Il-Komunikazzjoni tat-23 ta' Marzu 2022 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel (COM(2022) 133).

Dwar l-ewwel kwistjoni, it-titjib fl-effiċjenza tal-użu tal-fertilizzanti, b'mod partikolari, hu element importanti tal-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”⁵, li tispeċifika mira ta' tnaqqis ta' 50% fit-telf tan-nutrijenti u timmira li tnaqqas l-użu tal-fertilizzanti b'20% sal-2030. Il-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tittenna fil-Komunikazzjoni tal-2022 dwar il-fertilizzanti⁶. L-użu tal-għodod diġitali hu faċilitatur ewlieni f'dan il-proċess, ngħidu aħna biex jiġu traċċati l-linji bażi u l-miri tal-Bilanċ Gross tan-Nutrijenti għall-pajjiżi u l-għbir tad-*data* fil-livell reġjonali. Barra minn hekk, jekk it-tikketti diġitali jtejbju l-komunikazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-prodott, dan ikun pass biex jiġu ottimizzati l-istruzzjonijiet għall-effiċjenza tal-użu abbażi ta' dawk il-proprjetajiet, u jwassal għal komunikazzjoni aħjar tal-istruzzjonijiet dwar l-użu u jevita fertilizzazzjoni żejda.

Dwar it-tieni kwistjoni, jekk jiġu stabbiliti regoli dwar id-diġitalizzazzjoni volontarja tat-tikketti, dawn inaqqsu l-kostijiet tal-operaturi ekonomiċi fi żmien medju u fit-tul. Minbarra dan, dawn ikomplu jissimplifikaw il-proċess tat-tikkettar għax jevitaw kostijiet bla bżonn u jnaqqsu l-iskart tal-imballaġġ. Se jottimizza l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni tal-fertilizzanti fis-suq tal-UE fi żminijiet diffiċli.

Din il-proposta tikkontribwixxi għall-proċess usa' tad-diġitalizzazzjoni tas-settur agrikolu, prijorità għal ħafna mill-Istati Membri li fid-9 ta' April 2019 iffirmaw Dikjarazzjoni dwar “futur diġitali intelliġenti u sostenibbli għall-agrikoltura u ż-żoni rurali Ewropej”⁷.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

Fil-Patt Ekoloġiku⁸, il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tindirizza l-isfida doppja tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Ftit wara, il-pandemija tal-COVID-19 biddlet mill-qiegħ ir-rwol u l-perċezzjoni tad-diġitalizzazzjoni fis-soċjetajiet u fl-ekonomiji tagħna, u ħaffet il-pass tagħha.

Il-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali tal-2021⁹ tippreżenta triq ċara għal viżjoni u azzjonijiet komuni biex l-Ewropa tirnexxi fid-Deċennju Diġitali. Din tipproponi l-prinċipju “diġitali b'mod awtomatiku” u tiddekrivi t-triq 'il quddiem għal diġitalizzazzjoni mifruxa tas-soċjetà.

Hemm ukoll tendenza ġenerali għal diġitalizzazzjoni tat-tikketti u tad-dokumenti mogħtija mal-prodotti. Fis-seħħ għandna regoli għall-prodotti tal-kostruzzjoni¹⁰ u l-apparat mediku¹¹,

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2020 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁶ Il-Komunikazzjoni tad-9 ta' Novembru 2022 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti (COM/2022/590).

⁷ Dikjarazzjoni: Futur diġitali intelliġenti u sostenibbli għall-agrikoltura u ż-żoni rurali Ewropej (smartagrihubs.eu)

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640, 11.12.2019).

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali (COM(2021) 118, 9.3.2021).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117 5.5.2017, p. 1).

filwaqt li qed jitħejjew regoli oħra għall-batteriji¹², id-deterġenti¹³, il-kożmetiċi¹⁴ u s-sustanzi kimiċi perikolużi¹⁵.

Il-proposta għal Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli¹⁶ għandha l-għan li tistabbilixxi Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP). Fil-verżjoni proposta mill-Kummissjoni, il-passaport se jintroduċi l-adozzjoni obbligatorja ta' metodi diġitali għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodotti regolati kollha, inkluż il-prodotti fertilizzanti. Din l-informazzjoni ma tkoprix ir-rekwiżiti tat-tikkettar. Għalhekk, din il-proposta tikkumplementa l-miżuri diġà proposti għad-diġitalizzazzjoni ta' informazzjoni oħra dwar il-prodotti.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta għandha l-istess bażi ġuridika bħar-Regolament (UE) 2019/1009: l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-approssimazzjoni tar-regoli nazzjonali għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Għalkemm il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda l-Annessi tar-Regolament (UE) 2019/1009, l-emendi kollha proposti f'din l-inizjattiva ġew inklużi f'din il-proposta biex jitħaffew il-proċess tal-adozzjoni għax huma relatati ma' xulxin.

• Sussidjarjetà

Il-problemi kkawżati meta t-tikketti jkunu miżgħuda bil-kliem dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE għandhom dimensjoni transfruntiera kbira. Il-fertilizzanti inorganiċi soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 jiġu prodotti fi ftit Stati Membri tal-UE¹⁷ u jinbiegħu madwar l-UE kollha. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 għandu l-għan li jżomm dawn il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u jinkludi prodotti ġodda li għadhom ma ġewx koperti mir-regoli ta' armonizzazzjoni, ħalli jiżdied il-potenzjal tagħhom fis-suq tal-UE.

Ir-rekwiżiti estensivi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 għandhom jingħataw fuq it-tikketta fiżika. Parti mill-informazzjoni li jeżiġi dan l-Anness hi soġġetta għal bidliet frekwenti u, f'konformità mal-istess Regolament, it-tikketti ta' ċerti prodotti jridu jinbidlu qabel ma jaslu għand l-utenti finali (ngħidu aħna t-tikketta ta' taħlita ta' prodotti fertilizzanti jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE espressi b'rabta mat-taħlita finali; għalhekk, qabel ma t-taħlita tasal għand l-utent finali, il-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE u t-taħlita nnifisha diġà kellhom tikketta fiżika). Ir-Regolament japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-Istati Membri obbligati ma jfixklux il-moviment liberu tal-prodotti fertilizzanti tal-UE għal raġunijiet marbuta mat-tikkettar tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri nazzjonali biex itejbu l-leġibbiltà tat-tikketti fiżiċi jew biex jevitaw bidliet frekwenti fihom.

¹² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart tal-batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 (COM(2020) 798).

¹³ [Id-deterġenti – simplifikazzjoni u aġġornament tar-regoli tal-UE \(europa.eu\)](#)

¹⁴ [L-istrateġija tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà – Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi \(reviżjoni\) \(europa.eu\)](#)

¹⁵ [Is-sustanzi kimiċi – simplifikazzjoni u diġitalizzazzjoni tar-rekwiżiti tat-tikkettar \(europa.eu\)](#)

¹⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (COM/2022/142, 30.03.2022).

¹⁷ Ara n-nota 26 ta' qiegħ il-paġna.

L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali dwar l-istandards minimi tad-diġitalizzazzjoni tat-tikketti, meta jintużaw b'mod volontarju u flimkien ma' tikketti fiżiċi, għax din il-kwistjoni għadha mhix koperta fir-Regolament (UE) 2019/1009. B'mod inevitabbli, approċċ bħal dan jgħidli prattiki differenti madwar l-UE u ostakli fil-funzjonament tas-suq intern. Jista' jgħidli ukoll inugwaljanzi fejn jidhru l-iffrankar potenzjali tal-kostijiet u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni. Iżid il-kostijiet għall-industrija biex tadatta għal rekwiżiti diverġenti tat-tikkettar diġitali fi Stati Membri differenti.

B'kuntrast għal dan, l-introduzzjoni tal-kundizzjonijiet għat-tikketta diġitali fil-livell tal-UE tipprowdi l-valur miżjud bl-armonizzazzjoni tad-diversi prattiki. Billi tipprowdi ambjent ekwu, din l-inizjattiva ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern u tiżgura l-istandard għoli tal-protezzjoni kif jeżiġi r-Regolament (UE) 2019/1009. Barra minn hekk, id-deċiżjoni dwar liema elementi tat-tikkettar meħtieġa bħalissa fuq it-tikketta fiżika jistgħu jingħataw biss b'mod diġitali, tista' tittieħed biss fil-livell tal-UE.

Il-benefiċċju tal-azzjoni tal-UE jinsab ukoll fl-eżistenza potenzjali ta' ekonomiji ta' skala fl-industrija tal-prodotti fertilizzanti. L-allinjament tar-rekwiżiti tat-tikkettar diġitali madwar l-UE jista' jiffaċilita l-użu tat-tikketti multilingwi u b'hekk jappoġġa d-distribuzzjoni tal-prodotti bl-istess tikketta f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Għaldaqstant, din il-proposta dwar id-diġitalizzazzjoni volontarja tat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE hi meħtieġa u tista' tindirizza b'mod effiċjenti l-problemi identifikati.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi. Din għandha l-għan li tintroduċi tikkettar diġitali volontarju għall-prodotti fertilizzanti tal-UE. L-operaturi ekonomiċi se jkollhom l-għażla li jipprovdu l-elementi tat-tikkettar fuq tikketta fiżika jew fuq tikketta diġitali.

Jekk jipprovdu tikketta diġitali, din il-proposta tistabbilixxi regoli ġenerali biex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE.

Fil-valutazzjoni tal-impatt meħmuża, ġew ivvalutati l-alternattivi ta' politika b'diversi gradi tad-diġitalizzazzjoni. L-alternattiva magħżula f'din il-proposta tikseb l-aqwa bilanċ bejn l-interessi ta' diversi partijiet ikkonċernati. Filwaqt li tipprowdi l-possibbiltà li jingħataw tikketti diġitali, din iżżomm l-aktar informazzjoni importanti fuq it-tikketta fiżika tal-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli għall-utenti finali, bħala rispons għar-rieda ta' dawn l-utenti finali li jistrieħu għalkollox fuq l-għodod diġitali biex jaċċessaw l-informazzjoni. Wara l-evoluzzjoni tas-soċjetà, l-għadd ta' elementi tat-tikkettar li jridu jingħataw biss b'mod diġitali jista' jkompli jizjed, u dan hu kkunsidrat fis-setgħat mogħtija kif stabbilit f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saru dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni:

Konsultazzjoni pubblika miftuħa

Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa kkonfermat l-interess fit-tikketti diġitali, kemm min-naħa tal-industrija u anki min-naħa tal-utenti.

Aktar minn nofs ir-rispondenti (52,1%, N = 198) irrispondew b'mod pożittiv jew moderatament pożittiv għaċ-ċaqliq ta' xi informazzjoni mit-tikketta fiżika għat-tikketta

diġitali. Peress li 22,7% ma kinux jafu jew ma setgħux iwiegħbu, il-persentaġġ hu akbar (66,9%) fost dawk li wiegħbu.

Ħafna mir-rispondenti (N=93, 72%) jaqblu ma' implimentazzjoni tat-tikkettar diġitali jekk tkun possibbli.

Fost il-benefiċċji ewlenin tat-tikketta diġitali (N=195) hemm: il-possibbiltà li tingħata informazzjoni aktar dettaljata (14%), il-possibbiltà li tingħata l-informazzjoni rilevanti kollha anki meta l-imballaġġ ikun żgħir wisq (14%), aċċess faċli għall-informazzjoni (13%), aċċess għal informazzjoni aġġornata (13%) u informazzjoni b'lingwi oħra (13%), aktar informazzjoni rilevanti/immirata, benefiċċji ambjentali (19%) u ffrankar tal-kostijiet (8%).

Fost l-isfidi ewlenin tat-tikketti diġitali (N=200) hemm: diffikultajiet ta' aċċess għall-informazzjoni (24%), differenzi bejn l-informazzjoni fuq it-tikketta fiżika u t-tikketta diġitali (22%), inugwaljanzi fost gruppi differenti tal-popolazzjoni (22%), u żieda fil-kostijiet għall-industrija.

Intervisti

Ġew organizzati intervisti biex tingħabar informazzjoni dwar, b'mod partikolari, (i) x'jikkostitwixxi informazzjoni essenzjali tat-tikkettar għal diversi kategoriji ta' partijiet ikkonċernati, (ii) ix-xejriet tal-użu tat-tikketti, (iii) il-benefiċċji u l-iżvantaġġi tat-tikkettar diġitali u (iv) il-prattiki tat-tikkettar tal-industrija. Ħafna mill-intervisti mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u mal-utenti tal-prodotti fertilizzanti ħarġu fid-dieher li ħafna drabi l-kontribut mingħand dawn il-gruppi rigward l-informazzjoni speċifika tat-tikkettar (eż. il-kontenut tan-nitroġenu) kien diverġenti u jvarja skont il-Kategoriji Funzjonali tal-Prodotti u t-tipi ta' utenti inkwistjoni. Għalhekk, l-informazzjoni essenzjali għar-rappreżentanti tal-industrija ma kinitx l-istess bħal dik għall-utenti professjonali u mhux professjonali.

Din il-proposta tqis dawn il-ħtiġijiet diverġenti, u tagħti prijorità li jkun żgurat l-użu sikur tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, billi fuq it-tikketta fiżika tal-prodotti ppakkjati mibjugħa lill-utenti finali tinżamm l-aktar informazzjoni importanti.

Stħarriġ immirat għall-partijiet ikkonċernati

L-istħarriġ kien immirat għall-utenti tal-prodotti fertilizzanti (professjonali u mhux professjonali), l-industrija (il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri) u l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq minn Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, id-Danimarka u Spanja.

Minn fost is-755 tweġiba li waslu, l-utenti mhux professjonali (jiġifieri l-ġenniena dilettanti, il-persuni li joperaw barra mill-ambitu tal-attività ekonomika) kienu jikkostitwixxu l-akbar grupp ta' rispondenti (43,6%), u warajhom l-utenti professjonali (33,5%).

L-istħarriġ immirat ħareġ fid-dieher ukoll id-differenzi fil-perċezzjoni rigward l-aktar informazzjoni importanti fuq it-tikketta. Filwaqt li l-utenti dehrilhom li l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza hi assolutament essenzjali, il-manifatturi dehrilhom li l-effiċjenza agromika hi informazzjoni essenzjali.

Meta ntalbu l-preferenza tagħhom dwar il-mod kif jaċċessaw l-informazzjoni tat-tikketta, ħafna mill-utenti professjonali u mhux professjonali għażlu t-tikketti fiżiċi. Dan jixhed il-ħtieġa li fuq it-tikketta fiżika tinżamm l-aktar informazzjoni importanti.

Il-manifatturi kellhom fehmiet diverġenti dwar jekk b'mod ġenerali d-diġitalizzazzjoni tiffrankalhomx il-flus. 48,4% dehrilhom li din tipprovdi ffrankar finanzjarju (N=49).

Gruppi fokali

Ġew organizzati tmien gruppi fokali ma' utenti professjonali u mhux professjonali minn Franza, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja. Il-parteċipanti laqgħu d-diġitalizzazzjoni tat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, u qisuha benefiċċjali u tranżizzjoni naturali. Urew tħassib dwar iż-żieda tal-effetti negattivi tal-qasma diġitali.

Din l-attività tal-konsultazzjoni wriet id-differenzi fil-perċezzjoni bejn l-utenti professjonali u mhux professjonali rigward l-importanza ta' diversi kategoriji tal-informazzjoni. Skont l-utenti professjonali, l-informazzjoni dwar l-effiċjenza agronomika (bħall-kontenut tan-nutrijenti) hi aktar importanti minn tipi oħra ta' informazzjoni, filwaqt li l-informazzjoni ta' wara x-xiri, bħall-istruzzjonijiet tal-użu jew l-kundizzjonijiet tal-ħżin, ma kinitx importanti għax "kulħadd jaf x'għandu jagħmel". Għall-kuntrarju, l-utenti mhux professjonali dehrilhom li l-informazzjoni dwar l-effiċjenza agronomika hi teknika wisq u li l-informazzjoni ta' wara x-xiri hi importanti aktar. Bl-istess mod, l-utenti professjonali kienu aktar interessati fl-informazzjoni dwar il-kontenut, bħal-lista tal-ingredjenti, mill-utenti mhux professjonali.

Esperiment sħarriġ

L-esperiment sħarriġ esplora l-effetti tal-bidliet fit-tikkettar fuq l-imġiba ewlenija tal-utenti professjonali u mhux professjonali tal-prodotti fertilizzanti. L-eżerċizzju kellu l-għan li flok ma jistaqsi lill-parteċipanti x'jaħsbu dwar id-diġitalizzazzjoni, jiskopri xi tkun ir-reazzjoni reali tal-utenti meta jintwerew tikketti diġitalizzati.

L-esperiment sħarriġ wera li ħafna mill-utenti professjonali ma kinux affettwati mill-bidliet fl-ammont ta' informazzjoni fuq it-tikketta fiżika rigward l-applikazzjoni u l-ħżin tal-prodott. L-utenti mhux professjonali huma aktar sensittivi għas-simplifikazzjoni tat-tikketti mill-kontropartijiet professjonali tagħhom.

Rigward il-fatturi li jinfluwenzaw il-fehim tat-tikketti, il-faċilità tal-interpretazzjoni tat-tikketti (awtorapportati) hija relatata b'mod pożittiv ferm mal-età tal-utenti professjonali u mhux professjonali, u mal-esperjenza tagħhom fl-użu tal-prodott fertilizzanti inkwistjoni. It-tnaqqis fl-informazzjoni fuq it-tikketti ma ġabx bidla sinifikanti fuq il-faċilità tal-interpretazzjoni tal-informazzjoni fuq it-tikketta inkwistjoni minn xi grupp jew ieħor tal-utenti.

Ittestjar tal-użabbiltà

L-eżerċizzju mhux moderat tal-użabbiltà jittestja l-popolarità u l-użu potenzjali ta' diversi teknoloġiji diġitali li jistgħu jiġu implimentati b'rabta mat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti. Minn fost it-48 persuna li ġew ittestjati, 33 skennjaw kodiċi QR u 26 aċċessaw URL, bħala l-aktar żewġ alternattivi użati.

Laqgħa tal-Grupp Espert dwar l-alternattivi tad-diġitalizzazzjoni tat-tikketti

Fil-15 ta' Marzu 2022 saret laqgħa online tal-Grupp Espert tal-Kummissjoni dwar il-Prodotti Fertilizzanti. Il-kontribut li wasal mingħand il-Membri u l-Osservaturi tal-Grupp Espert informa l-iżvilupp tal-alternattivi ta' politika. Il-Grupp Espert laqa' l-kategorizzazzjoni tal-informazzjoni u tal-metodoloġija użata għat-tiswir tal-bosta alternattivi ta' politika.

Dawn esprimew fehmiet diverġenti dwar il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn utenti professjonali u mhux professjonali. Filwaqt li uħud semmew il-fatt li ż-żewġ kategoriji ta' utenti għandhom imġiba differenti u ħtiġijiet differenti mil-lat ta' tikkettar, oħrajn ġibdu l-attenzjoni dwar iż-żieda fil-kumplessità li d-distinzjoni bħal din iżżid mar-regoli, u dwar id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni u fis-sorveljanza tas-suq.

Sħarriġ dwar il-kostijiet u l-benefiċċji relatati ma' bosta alternattivi tad-diġitalizzazzjoni

Wara l-laqgħa tal-Grupp Espert, sar stħarriġ online biex tinkiseb *data* dwar il-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-bosta alternattivi tad-diġitalizzazzjoni. L-istħarriġ kellu 93 tweġiba valida mqassma fost diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati.

Madwar 56,3% tar-rispondenti (il-manifatturi, N=32) indikaw li diġà jagħtu xi informazzjoni tat-tikkettar b'mod diġitali. B'mod ġenerali, kien hemm appoġġ qawwi għar-regoli ġenerali proposti dwar id-diġitalizzazzjoni tat-tikketti (N=84). Meta wieħed iqabbel l-effetti tat-tikketti f'alternattivi differenti fuq l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali, ir-rispons ġenerali kien li aktar ma d-diġitalizzazzjoni tkun ta' livell għoli, akbar ikunu l-impatti pożittivi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Għall-analiżi tar-risultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni u l-impatt ta' bosta alternattivi ta' politika, il-Kummissjoni qabbdet kuntrattur estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fit-twettiq tal-valutazzjoni tal-impatt¹⁸, il-Kummissjoni sabet żewġ diffikultajiet. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 beda japplika mis-16 ta' Lulju 2022, u għalhekk ma kien hemm l-ebda esperjenza konkreta disponibbli bl-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda. Minbarra dan, ir-Regolament jistabbilixxi l-armonizzazzjoni fakultattiva tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. L-għażla jekk jiġix applikat ir-Regolament jew le hija f'idejn il-manifatturi tal-prodotti fertilizzanti. Għalhekk hu diffiċli jiġi stmat kemm manifatturi se jagħżlu li japplikaw ir-Regolament u kemm se jibqgħu japplikawh fis-snin li ġejjin.

Il-valutazzjoni tal-impatt kisbet opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju fit-22 ta' Lulju 2022¹⁹.

Il-Kummissjoni vvalutat l-impatti ta' tliet alternattivi ta' politika (PO): PO1 – l-iżvilupp ta' dokument gwida biss; PO2 – l-informazzjoni tista' tingħata b'mod diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE; u PO3 – kull informazzjoni tingħata b'mod diġitali għal ċerti kategoriji ta' prodotti.

Rigward PO2, ġew ikkunsidrati ħames (5) subalternattivi (PO2a-PO2e). Il-livell tad-diġitalizzazzjoni jvarja (minn li t-tikketta diġitali tipprovdi ċerta informazzjoni għal li tipprovdi ħafna mill-informazzjoni). Uħud mis-subalternattivi jagħmlu distinzjoni bejn l-utenti professjonali u mhux professjonali. L-impatti tal-PO2a-PO2e huma analizzati flimkien għax ġew identifikati biss differenzi limitati.

L-għażla ppreferuta hija PO2a flimkien ma' PO3:

- PO2a tfisser id-diġitalizzazzjoni fakultattiva ta' ċerta informazzjoni tat-tikketta tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, bla ma ssir distinzjoni bejn l-utenti professjonali u mhux professjonali;
- PO3 tfisser id-diġitalizzazzjoni fakultattiva tal-informazzjoni kollha għall-prodotti mibjugħa bl-ingrossa u għall-prodotti li ma jinbigħux lill-utenti finali, iżda lil operaturi ekonomiċi oħra.

Filwaqt li l-PO2a hi l-aktar waħda kawta fejn jidħol l-ambitu tal-informazzjoni li trid tingħata biss b'mod diġitali, il-kombinament ta' din l-alternattiva ma' PO3 tiżgura li l-oġettivi jiġu indirizzati bl-aktar mod effettiv, filwaqt li jinżamm approċċ bilanċjat għall-fehmiet differenti tal-partijiet ikkonċernati.

¹⁸ Link għas-sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt

¹⁹ Link għall-opinjoni

L-ewwel nett, l-alternattiva 2a timplika li l-informazzjoni kollha relatata mas-sikurezza, u l-aktar informazzjoni importanti dwar l-effiċjenza agronomika, il-kontenut u l-informazzjoni rilevanti ta' wara x-xiri tinżamm fuq it-tikketta fiżika. Billi tnaqqas it-tip l-ieħor ta' informazzjoni li trid titniżżel fuq it-tikketta fiżika, l-informazzjoni dwar is-sikurezza se ssir aktar viżibbli u b'hekk tikkontribwixxi għall-obiettiv tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Din hi l-aktar alternattiva li tqis il-qasma diġitali. It-tneħħija tal-informazzjoni kollha minn fuq it-tikketta, inkluż l-informazzjoni dwar is-sikurezza, skont l-alternattiva 3 għall-bejgħ lill-operaturi ekonomiċi hi ġustifikata mill-utenti partikolari kkonċernati, li mhumiex utenti finali. L-operaturi ekonomiċi jixtru l-prodotti biex jagħmluhom disponibbli fis-suq, u mhux biex japplikawhom fuq il-ħamrija. Rigward il-prodotti bl-ingrossa, minħabba n-natura tal-prodott innifsu, m'hemm l-ebda possibbiltà li l-informazzjoni tingħata fuq il-tikketta fiżika mwaħħla mal-imballaġġ, li hi l-aktar komunikazzjoni diretta tal-informazzjoni tat-tikkettar. Is-sostituzzjoni tal-fuljett b'tikketta diġitali mhix mistennija tħalli impatt sinifikanti fuq id-disponibbiltà tal-informazzjoni.

It-tieni, din l-alternattiva kkombinata se tnaqqas il-kostijiet tat-tikkettar u se toħloq ambjent ekwu bejn l-operaturi ekonomiċi fejn jidħol l-użu tat-tikkettar diġitali. Il-kostijiet tat-tikkettar se jonqsu billi jiddaħħlu aktar lingwi fuq it-tikketta fiżika u billi jkunu evitati l-bidliet frekwenti fiha.

Fl-aħħar nett, din l-alternattiva kkombinata hi aktar faċli biex tiġi applikata u infurzata għax ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn l-utenti professjonali u mhux professjonali. Din id-distinzjoni ma teżistix fir-Regolament (UE) 2019/1009 u kienet iżżid il-kumplessità tar-regoli u tagħmel l-implimentazzjoni tagħhom aktar diffiċli.

Minħabba l-bażi limitata tal-evidenza għall-kostijiet, estrapolazzjoni sħiħa tal-kostijiet għall-livell tal-UE hi problematika u tissogra li tagħti stampa falza. Il-kostijiet massimi fil-livell tal-UE għall-intrapriżi skont PO2 (u anki PO3) abbażi tad-*data* tal-istħarriġ tal-partijiet ikkonċernati huma EUR 0,3 miljun (li jvarjaw minn EUR 0,1 miljun sa EUR 0,6 miljun) għall-kostijiet ta' darba, u EUR 0,1 miljun (li jvarjaw minn EUR 0,06 miljun għal EUR 0,4 miljun) għall-kostijiet (annwali) kontinwi. Fil-prattika, il-kostijiet reali aktarx ikunu inqas minn dawn il-kostijiet massimi għax ċertu proporzjon tal-kumpaniji jagħżlu li ma jipprovdux tikkettar diġitali.

Jenħtieġ li jiġi nnotat li ċerti kostijiet jistgħu jiġġarrbu wkoll mill-operatur ekonomiku li jagħżel it-tikkettar diġitali, minħabba l-għoti tal-informazzjoni b'mezzi alternattivi, meta meħtieġ. Minkejja li dawn il-kostijiet ma setgħux jiġu kwantifikati, dawn mistennija jkunu marġinali għax l-informazzjoni dwar il-prodott tingħata biss lil porzjonijiet żgħir tas-swieq fil-mira. Fuq medda itwal taż-żmien, il-kostijiet jitpaċew bi ffrankar relatat mal-aġġornament tat-tikketti fiżiċi, l-evitar tat-tikkettar doppju u l-ispazju liberu fuq it-tikketta fiżika għal informazzjoni b'aktar lingwi. Barra minn hekk, PO3 toħloq benefiċċji netti stmati ta' 0,8 miljun għax tintroduċi diġitalizzazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti tat-tikkettar għall-prodotti mibjugħa bl-ingrossa jew għal prodotti li ma jinbigħux lill-utenti finali.

Fejn jidħlu l-impatti diretti ta' PO2a u PO3 fuq l-awtoritajiet pubbliċi, minkejja l-aspetti pożittivi relatati mal-faċilità tal-ġestjoni u l-ġbir tad-*data* online, l-awtoritajiet pubbliċi jaf jitolbu xi investiment fit-tagħmir u taħriġ biex jiffaċilitaw l-aċċess għat-tikketti diġitali.

L-istimi għall-għażla ta' politika ppreferuta 2a jissuġġerixxu li l-benefiċċji netti ta' darba possibbli ta' nofs il-firxa jkunu negattivi li jakkumulaw għall-intrapriżi kollha fl-EU-27 (jiġifieri -EUR 0,1 miljun, jekk nassumu li l-intrapriżi kollha esportaturi se jiggwadanjaw mill-iffrankar assoċjat ma' tnaqqis fir-rekwiżiti tat-tikkettar fiżiku). Il-benefiċċji rikorrenti massimi annwali ta' PO2a ikunu ta' EUR 0,9 miljun li jakkumulaw għall-intrapriżi kollha (EU-27). Bl-alternattiva 3, il-benefiċċji netti massimi possibbli ta' darba jkunu negattivi wkoll

(jiġifieri -EUR 0,5 miljun bl-istess suppożizzjonijiet bħal ta' PO2a)²⁰. Iżda l-benefiċċji netti massimi rikorrenti annwali għal PO3 ikunu EUR 3 miljun li jakkumulaw għall-intrapriżi kollha²¹ (EU-27).

L-għażla ppreferuta mistennija tikseb benefiċċji ambjentali għax tnaqqas l-iskart tal-imballaġġ. Dawn il-benefiċċji ma setgħux jiġu kwantifikati.

Bħal fil-każ ta' PO2a, mhu mistenni l-ebda impatt soċjali negattiv, l-informazzjoni meqjusa essenzjali minn diversi kategoriji ta' utenti se tinżamm fuq it-tikketta fiżika. Għall-kuntrarju, il-leġibbiltà tat-tikketta fiżika mistennija tiżdied għax diversi dettalji tekniċi se jmorru fuq it-tikketta diġitali. Minbarra dawn, l-utenti se jkun jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ tal-possibbiltajiet varji li tagħti d-diġitalizzazzjoni fejn jidħlu l-aċċessibbiltà u t-tiftix ta' informazzjoni speċifika b'format diġitali.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-konformità mar-rekwiżiti tat-tikkettar skont ir-Regolament (UE) 2019/1009 u b'hekk tnaqqas il-piż lill-operaturi ekonomiċi, bla ma tipperikola l-oġettivi ewlenin tar-Regolament, inkluż il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Din il-proposta tikkontribwixxi direttament għat-tabella ta' valutazzjoni tar-REFIT (Oqsma 13. Leġiżlazzjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi (minbarra REACH)), billi jintużaw għodod diġitali biex titwassal l-informazzjoni dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE. Il-kisba tal-benefiċċji tal-era diġitali se tipprovdi tnaqqis potenzjali tal-piż lill-SMEs, infurzar u konformità aħjar, u kooperazzjoni aktar soda bejn l-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq.

Id-diġitalizzazzjoni tat-tikketta tibqa' fakultattiva. Għalhekk, l-ebda miżura speċifika mhi meħtieġa għall-intrapriżi żgħar u medji, li huma liberi li jagħżlu l-mument opportun biex jagħmlu din il-bidla, jekk jiddeċiedu li jagħmluha.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Fl-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2019/1009, il-Kummissjoni se tivvaluta kif ħadem (jew qed jaħdem) dan l-intervent speċifiku, u tagħmel konklużjonijiet preliminari. Se tkun l-ewwel opportunità biex jiġi vvalutat jekk kienx hemm effetti mhux intenzjonati jew mhux mistennija.

Imbagħad, il-Kummissjoni se tkun qed timonitorja jekk l-intervent tal-UE ikunx għadu validu għall-iskop tiegħu, għandux jiġi aġġustat għal aktar effettività, rilevanza u koerenza, jew għandux sempliċement jiġi tnaqqas.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta tintroduċi d-diġitalizzazzjoni volontarja tat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. L-għażla hi f'idejn il-manifatturi, l-importaturi jew id-distributuri tal-prodotti fertilizzanti tal-UE.

²⁰ Il-kostijiet ta' darba mistennija jkun l-istess b'PO2 u PO3. Irreferi għall-Anness 4 għal diżaggregazzjoni sħiħa tal-kalkoli tal-kostijiet u l-benefiċċji.

²¹ Rilevanti għal PO3, hu preżunt li 14% tal-intrapriżi kollha jipprovdu biss prodotti bl-ingrossa jew prodotti li jinbiegħu lill-utenti industrijali (eż. dawk li jħalltu).

Qed jiġi propost li l-operaturi ekonomiċi jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar meħtieġa skont l-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 b'format diġitali biss fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin: meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jinbiegħu bla imballaġġ, jew meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jinbiegħu lil operaturi ekonomiċi li mhumex utenti finali tal-prodotti.

L-operaturi ekonomiċi li jagħżlu t-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti lill-utenti finali f'imballaġġ se jkollhom jipprovdu wkoll tikketta fiżika li tinkludi l-aktar informazzjoni importanti. It-tikketta fiżika se tinkludi l-informazzjoni kollha dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u l-aktar informazzjoni importanti dwar l-effiċjenza agronomika u l-kontenut tal-prodott, jew informazzjoni ta' wara x-xiri.

Ladarba l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu t-tikketti diġitali, il-proposta tistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar id-diġitalizzazzjoni tat-tikketti. B'mod partikolari, l-operaturi ekonomiċi se jkollhom jiżguraw li t-tikketta diġitali tkun tista' tiġi aċċessata bla ħlas u tkun aċċessibbli faċilment madwar l-UE kollha, u se jkollhom iqisu l-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni. L-informazzjoni fuq it-tikketti diġitali trid tingħata wkoll b'mezzi alternattivi, meta meħtieġ.

Il-proposta tinkludi għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tissupplimenta r-rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar diġitali u biex tkompli tadatta l-Anness III billi tiddeċiedi liema elementi tat-tikkettar jistgħu jingħataw b'mod diġitali meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti finali f'imballaġġ, skont l-evoluzzjoni tas-soċjetà.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi r-rekwiżiti tat-tikkettar applikabbli għall-prodotti fertilizzanti tal-UE. L-informazzjoni msemmija fl-Anness III trid tingħata fuq tikketta fiżika mwaħħla fuq dak l-imballaġġ jew, għall-elementi tat-tikkettar li ma jistgħux jibgħataw fuq it-tikketta għax l-imballaġġ ikun żgħir wisq, fuq fuljett separat mogħti ma' dak l-imballaġġ ("tikketta fiżika"). Mal-prodotti bla imballaġġ jingħata fuq fuljett. Ir-rekwiżiti tat-tikkettar jikkonċernaw diversi parametri relatati mal-effiċjenza agronomika tal-prodotti fertilizzanti tal-UE (eż. il-kontenut tan-nutrijenti fil-fertilizzant) u l-kontenut ta' dawn il-prodotti (eż. il-kwantità). Ir-rekwiżiti tat-tikkettar ikopru wkoll l-informazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent meta jintużaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE (eż. l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni korretta tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE²) u l-informazzjoni meħtieġa għall-immaniġġar u l-użu korretti ta' dawn il-prodotti wara x-xiri (eż. informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħżin).
- (2) Il-mod kif il-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu tikkettati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jkun adattat skont il-bidliet teknoloġiċi u soċjetali fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni.
- (3) L-għoti tal-informazzjoni fuq tikketta b'format diġitali ("tikketta diġitali") jipprovdi benefiċċji ċari. It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar għax jevita li t-tikketti fiżiċi jkunu miżgħuda bil-kliem u għax jipprovdi bosta alternattivi ta' qari li huma disponibbli biss b'formati diġitali, bħat-tkabbir tat-tipa, tiftix awtomatiku, loud speakers jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Barra minn hekk,

¹ ĠU C , , p .

² Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

it-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jikkontribwixxi għall-progress attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-settur agrikolu Ewropew u jista' jiffaċilita l-obbligi tar-rapportar tal-bdiewa fir-rigward tal-użu ta' dawn il-prodotti. It-tikkettar diġitali jista' jwassal ukoll għal immaniġġjar aktar effiċjenti tal-obbligi tat-tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata għall-utenti. Barra minn hekk, it-tikkettar diġitali jista' jgħin biex jonqsu l-kostijiet tat-tikkettar tul il-katina tal-provvista kollha, peress li t-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jistgħu jinbidlu wara tranżazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, qabel ma jaslu għand l-utenti finali,

- (4) Iżda t-tikkettar diġitali jista' joħloq ukoll sfidi ġodda għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni mingħajr ħiliet diġitali jew b'nuqqas ta' ħiliet diġitali biżżejjed jew għall-persuni b'diżabbiltà, u b'hekk jaggrava l-qasma diġitali. Għalhekk, fir-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jiddaħħal it-tikkettar diġitali, f'ċerti kundizzjonijiet, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u r-rieda diġitali.
- (5) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jibqgħu liberi li jagħżlu jekk jipprovdux tikketta diġitali jew tikketta fiżika. Hekk niżguraw li dawn l-operaturi ekonomiċi jkollhom il-flessibbiltà biex jagħżlu l-aktar regoli xierqa fis-sitwazzjoni tagħhom. Hu partikolarment importanti li ma jinħolqux kostijiet mhux ġustifikati għall-intrapriżi żgħar u medji li għalihom it-tikkettar diġitali jista' jkun diffiċli, minħabba l-volumi jew it-tipi mnaqqa ta' prodotti fertilizzanti tal-UE.
- (6) L-għażla li jipprovdu tikketta diġitali hi primarjament f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009. Iżda biex jiġi massimizzat l-użu tat-tikketti diġitali u b'hekk tittejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti, jenħtieġ li d-distributuri jkollhom ukoll il-possibbiltà li jiddiġitalizzaw it-tikketta tal-prodotti fertilizzanti tal-UE li huma jagħmlu disponibbli fis-suq, abbażi tal-informazzjoni diġà pprovduta mill-manifattur. L-iskala tat-tikkettar diġitali jenħtieġ li tibbaża fuq żewġ fatturi: jekk il-prodotti fertilizzanti tal-UE humiex disponibbli għall-operaturi ekonomiċi jew għall-utenti finali, u jekk il-prodotti jingħatawx f'imballaġġ jew mingħajru.
- (7) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali biss għall-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti lil operaturi ekonomiċi oħra, f'imballaġġ jew mingħajru. L-użu tat-tikketti diġitali f'każijiet bħal dawn jista' jnaqqas il-kostijiet tat-tikkettar fil-katina tal-provvista. L-importaturi jew id-distributuri se jkollhom il-possibbiltà li jwāhħlu tikketta fiżika fuq il-prodott fertilizzanti tal-UE direttament bil-lingwi uffiċjali meħtieġa fis-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Barra minn hekk, il-kostijiet tat-tikkettar jistgħu jiġu evitati fil-każ ta' taħlit, imballaġġ jew imballaġġ mill-ġdid tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, għax il-prodotti jistgħu jiġu tikkettati b'tikketta fiżika darba biss, qabel ma jaslu għand l-utenti finali. Peress li l-prodotti jiġu furnuti lill-operaturi ekonomiċi, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali mhix affettwata. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu tikketta fiżika apparti t-tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi jiddeċiedu liema elementi tat-tikkettar għandhom jinkludu f'dik it-tikketta fiżika.
- (8) It-tikketti fiżiċi jibqgħu l-mod ippreferut kif tinkiseb l-informazzjoni għall-utenti finali għax billi jitwāhħlu fuq l-imballaġġ, dawn it-tikketti fiżiċi joffru aċċess immedjat għall-informazzjoni. Barra minn hekk, il-maġġoranza l-kbira tal-prodotti fertilizzanti

tal-UE disponibbli fis-suq jintużaw minn utenti professjonali, bħall-bdiewa. Filwaqt li l-utenti professjonali huma midħla sew tal-prodotti fertilizzanti u spiss jistrieħu fuq il-konsulenza għall-pjanijiet tal-fertilizzazzjoni tagħhom, dawn għandhom it-tendenza li jappartjenu għal gruppi ta' età aktar avvanzati u b'inqas ħiliet diġitali.

- (9) Għaldaqstant, meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu t-tikkettar diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti lill-utenti finali f'imballaġġ, jenħtieġ li jiżguraw li t-tikketta fiżika tkun tinkludi wkoll sett minimu ta' informazzjoni. F'dan il-kuntest u fir-rigward ta' regoli oħra speċifiċi għall-prodotti magħmula disponibbli f'imballaġġ, jenħtieġ li l-imballaġġ ma jkunx fih 1000 kg b'koerenza mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011³. Il-prodotti furnuti f'imballaġġ li jaqbeż dan il-limitu jenħtieġ li jitqiesu bħala furnuti bla imballaġġ għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1009. Dan se jindirizza wkoll l-isfidi li jistgħu jiffaċċaw il-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni. Għalhekk, l-informazzjoni speċifika li l-operaturi ekonomiċi għandhom jitħallew jipprovdu fuq it-tikketta diġitali biss jenħtieġ li tkun tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Biex l-utenti finali kollha jkun jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru l-prodotti fertilizzanti tal-UE u biex jiżguraw l-immaniġġar u l-użu sikur ta' dawn il-prodotti mill-gruppi kollha tal-utenti finali, jenħtieġ li l-informazzjoni tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u l-informazzjoni minima dwar l-effiċjenza agronomika tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u dwar il-kontenut u l-użu tagħhom, tingħata dejjem fuq it-tikketta fiżika. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jindika b'mod ċar liema informazzjoni tista' tingħata b'mod diġitali biss.
- (10) Għall-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti bla imballaġġ, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-elementi tat-tikkettar f'fuljett. Il-fuljett, għall-kuntrarju tat-tikketti fiżiċi, m'għandux rabta fiżika mal-prodott innifsu u għalhekk ma jagħtix aċċess immedjat għall-informazzjoni rilevanti dwar il-prodott meta jkun qed jiġi mmaniġġjat. L-għoti tal-istess elementi tat-tikkettar b'format diġitali jimplika aġġustament tal-mod kif tinkiseb l-informazzjoni bla ma jinħolqu riskji sinifikanti għall-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti bla imballaġġ biss. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu tikketta fiżika apparti t-tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi jiddeċiedu liema elementi tat-tikkettar għandhom jinkludu f'dik it-tikketta fiżika.
- (11) Biex ikun żgurat ambjent ekwu fost l-operaturi ekonomiċi li jagħmlu disponibbli l-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali ta' dawn il-prodotti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti tat-tikkettar diġitali.
- (12) Biex ikun żgurat li l-utenti jirċievu l-elementi kollha tat-tikkettar fuq it-tikketta diġitali u ma jkollhomx bżonn jiġbru l-informazzjoni kemm minn tikketta fiżika kif ukoll minn tikketta diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jużaw tikketta diġitali jenħtieġ li jkun meħtieġa jinkludu kull element tat-tikkettar bħal dan fuq dik it-tikketta, anki jekk

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

ikunu inklużi wkoll fuq it-tikketta fiżika. It-tikketta diġitali jenħtieġ li tinkludi wkoll informazzjoni li tippermetti lill-utenti finali jidentifikaw u jikkuntattjaw lill-manifattur tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, għax din hi informazzjoni essenzjali u l-ġoti tagħha b'mod diġitali jiffaċilita r-rabta bejn il-prodott u t-tikketta diġitali. Barra minn hekk, peress li l-prodotti fertilizzanti jitqiegħdu fis-suq ukoll bħala prodotti mhux armonizzati, hu importanti li fuq it-tikketta diġitali titniżżel il-marka CE u ssir kull referenza korrispondenti għall-korp notifikat, ħalli l-utenti finali jkunu jistgħu jiddeduċu sempliċiment billi jużaw it-tikketta diġitali li l-prodott qed jiġi kummerċjalizzat f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-aġġornament ta' ċerta informazzjoni li jridu jagħtu l-manifatturi, li tinbidel sikwit u li ma tintużax kuljum mill-utenti finali (b'mod aktar preċiż, in-numru tal-lott u d-data tal-produzzjoni), il-manifatturi jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jipprovdu l-informazzjoni fuq tikketta fiżika jew diġitali.

- (13) Peress li t-tikketti diġitali, l-istess bħat-tikketti fiżiċi, huma mezz biex tingħata l-informazzjoni obligatorja dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE lill-utenti, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw aċċess liberu għat-tikketti diġitali. Barra minn hekk, u biex jiżdiedu ċ-ċansijiet li l-utenti effettivament jiksbu l-informazzjoni, l-informazzjoni mogħtija fuq it-tikketta diġitali jenħtieġ li tkun aċċessibbli faċilment. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi ma jħalltux l-informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2019/1009 ma' informazzjoni oħra mhux mitluba mir-Regolament (UE) 2019/1009, bħal dikjarazzjonijiet kummerċjali jew ta' kummerċjalizzazzjoni. L-isparju diġitali m'għandux limiti spazjali li huma tipiċi għat-tikketti fiżiċi mwaħħla fuq l-imballaġġ. Għalhekk hu importanti li l-elementi tat-tikkettar mogħtija f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jinżammu kkonċentrati f'post wieħed ħalli jkunu jistgħu jinstabu faċilment fost informazzjoni varja oħra li jistgħu jipprovdu l-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw ukoll li t-tikketti diġitali jiġu ppreżentati b'mod li jqis il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni ħalli jkomplu jitnaqqsu l-isfidi li dawn il-gruppi jistgħu jaffaċċaw.
- (14) Filwaqt li jitqies l-interess tal-utenti li jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE b'ħajja fuq l-ixkaffa relattivament twila, daqskemm l-interess tal-operaturi ekonomiċi li jevitaw il-kostijiet mhux meħtieġa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw li t-tikketta diġitali tkun disponibbli għal perjodu ta' ħames (5) snin mill-mument meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jitqiegħed fis-suq.
- (15) Biex jonqos kwalunkwe riskju potenzjali kkawżat min-nuqqas ta' disponibbiltà tat-tikketta diġitali għal gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, b'mod partikolari rigward il-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti bla imballaġġ lill-utenti finali, meta l-elementi kollha tat-tikkettar jistgħu jingħataw b'mod diġitali, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu responsabbli biex jipprovdu l-elementi tat-tikkettar b'mezzi alternattivi lill-utenti finali, meta jintalbu. Kull meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli temporanjament, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata wkoll anki jekk ma tintalabx.
- (16) Ir-rekwiżiti għad-dokumentazzjoni teknika stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jiġu aġġustati biex titqies l-introduzzjoni tat-tikketti diġitali. Barra minn hekk, filwaqt li titqies il-possibbiltà li tingħata biss tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE magħmula disponibbli għal min iħallat, biex teħfief is-sorveljanza tas-suq, id-dokumentazzjoni teknika tat-taħlitiet tal-prodotti fertilizzanti jenħtieġ li tkun tinkludi kampjun tal-informazzjoni mogħtija skont l-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 dwar il-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE.

- (17) Biex ir-Regolament (UE) 2019/1009 jinżamm aġġornat mal-progress tekniku, ma' evidenza xjentifika ġdida u mal-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà, is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tkun tista' tissupplimenta r-rekwiżiti għat-tikkettar diġitali u temenda l-Anness III b'rabta ma' liema elementi tat-tikkettar, l-operaturi ekonomiċi li jagħmlu l-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli fis-suq f'imballaġġ għall-utenti finali jistgħu jipprovdu fuq tikketta diġitali biss. Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt li it-tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁴. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.
- (18) Meta tistabbilixxi regoli aktar dettaljati dwar it-tikkettar diġitali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari lil regoli oħra tal-Unjoni dwar l-għoti tal-informazzjoni dwar prodotti jew sustanzi u taħlitiet b'format diġitali. Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi aċċessata l-informazzjoni kollha mitluba minn diversi regoli tal-Unjoni fi spazju diġitali wiehded ħalli l-utenti jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni kollha meħtieġa.
- (19) Meta tiġi biex tiddeċiedi liema elementi tat-tikkettar jistgħu jingħataw b'mod diġitali biss mill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq f'imballaġġ għall-utenti finali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-livell tar-rieda diġitali tal-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u l-ħtieġa li l-użu ta' dawn il-prodotti jibqa' sikur għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.
- (20) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1009 jiġi emendat skont dan.
- (21) Peress li dan ir-Regolament jintroduċi l-possibbiltà li r-rekwiżiti tat-tikkettar kollha jew parti minnhom tal-Anness III jiġu pprovduti fuq it-tikketti diġitali biss, l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi deferita biex tipprovdi biżżejjed żmien għall-iżvilupp tar-rekwiżiti supplimentari li jikkonċernaw it-tikkettar diġitali.
- (22) L-oġettivi speċifiċi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb il-leġibbiltà tat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u li tiġi ffaċilitata l-ġestjoni ta' dawn it-tikketti mill-operaturi ekonomiċi, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom. Billi minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, dawn jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, billi jintroduċi l-possibbiltà li t-tikkettar diġitali jintuża għal ċerta informazzjoni, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu daww l-oġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 huwa emendat kif ġej:

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (a) jiddaħħal il-punt (10a) li ġej:

“(10a) “imballaġġ” tfisser reċipjent sigillabbli li jesa’ sa 1000 kg;”;
 - (b) jiddaħħal il-punt (16a) li ġej:

“(16a) “mezz ta’ *data*” tfisser simbolu ta’ barcode lineari, simbolu bidimensjonali jew mezz ieħor għall-ġbir awtomatiku tad-*data* ta’ identifikazzjoni li jkun leġibbli minn apparat;”;
- (2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-informazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata b’mod fiżiku fuq l-imballaġġ jew fuq id-dokument mogħti miegħu, b’mod diġitali, jew it-tnejn. Meta l-informazzjoni tingħata b’mod diġitali, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti għat-tikketti diġitali fl-Artikolu 11b u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 11c.”;
 - (b) fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-informazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata b’mod fiżiku fuq l-imballaġġ jew fuq id-dokument mogħti mal-imballaġġ, jew b’mod fiżiku fuq l-imballaġġ jew fuq id-dokument mogħti miegħu u b’mod diġitali. Meta l-informazzjoni tingħata b’mod diġitali, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti għat-tikketti diġitali fl-Artikolu 11b u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 11c.”;
 - (c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mal-prodotti fertilizzanti tal-UE jingħataw l-elementi tat-tikkettar meħtieġa skont l-Anness III, ipprovduti bil-forma rilevanti stabbilita fl-Artikolu 11a. Dawk l-elementi tat-tikkettar għandhom ikunu:

 - (a) b’lingwaġġ li jista’ jinftehem faċilment mill-utenti finali, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat;
 - (b) ċari, jinftehem u intelliġibbli;
 - (c) aċċessibbli għal skopijiet ta’ spezzjoni meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jsir disponibbli fis-suq.”;
- (3) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. L-importaturi għandhom jiżguraw li mal-prodotti fertilizzanti tal-UE jingħataw l-elementi tat-tikkettar meħtieġa skont l-Anness III, ipprovduti bil-forma rilevanti stabbilita fl-Artikolu 11a. Dawk l-elementi tat-tikkettar għandhom ikunu:

 - (a) b’lingwaġġ li jista’ jinftehem faċilment mill-utenti finali, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat;
 - (b) aċċessibbli għal skopijiet ta’ spezzjoni meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jsir disponibbli fis-suq.”;
- (4) jiddaħħlu l-Artikoli 11a, 11b u 11c li ġejjin:

“Artikolu 11a

Forom tat-tikkettar

1. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jsiru disponibbli fis-suq f’imballaġġ għall-operaturi ekonomiċi, magħhom għandhom jingħataw l-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:
 - (a) fuq tikketta b’format diġitali (“tikketta diġitali”); jew
 - (b) fuq tikketta fiżika mwaħħla fuq dak l-imballaġġ jew, għall-elementi tat-tikkettar li ma jistgħux jingħataw fuq it-tikketta għax l-imballaġġ ikun żgħir wisq, fuq fuljett separat mogħti ma’ dak l-imballaġġ (“tikketta fiżika”).
2. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jitqiegħdu fis-suq għall-operaturi ekonomiċi bla imballaġġ, magħhom għandhom jingħataw l-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:
 - (a) fuq tikketta diġitali; jew
 - (b) fuq fuljett mogħti mal-prodott fertilizzanti tal-UE.
3. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jitqiegħdu fis-suq għall-utenti finali f’imballaġġ, magħhom għandhom jingħataw l-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:
 - (a) fuq tikketta fiżika; jew
 - (b) fuq tikketta diġitali u dduplikati fuq tikketta fiżika.

B’deroga mill-punt b, l-elementi tat-tikkettar immarkati b’asterisk fl-Anness III ma għandhomx għalfajn jiġu dduplikati fuq it-tikketta fiżika.
4. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jitqiegħdu fis-suq għall-utenti finali bla imballaġġ, magħhom għandhom jingħataw l-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:
 - (a) fuq tikketta diġitali; jew
 - (b) fuq fuljett mogħti mal-prodott fertilizzanti tal-UE.
5. Meta l-operaturi ekonomiċi jipprovdu tikketta diġitali f’konformità ma’ dan l-Artikolu, dawn għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 11b u 11c.

Artikolu 11b

Rekwiżiti għat-tikketti diġitali

1. It-tikketta diġitali għandha tinkludi:
 - (a) l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 6(6);
 - (b) il-marka CE u, meta applikabbli, in-numru ta’ identifikazzjoni tal-korp notifikat, f’konformità mal-Artikoli 17 u 18;
 - (c) l-elementi kollha tat-tikkettar meħtieġa skont l-Anness III, għajr id-data tal-produzzjoni meta dik id-data tkun ingħatat fuq it-tikketta fiżika.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata f’post wieħed u b’mod separat minn kull informazzjoni mhux mogħtija skont dan ir-Regolament.

3. It-tikketta diġitali għandha tkun:
- (a) aċċessibbli bla ħlas;
 - (b) aċċessibbli faċilment u direttament, mingħajr il-bżonn li ssir reġistrazzjoni bil-quddiem, li titniżżel jew tiġi installata xi applikazzjoni jew li tiddaħħal xi password; aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha fl-Unjoni;
 - (c) tippermetti t-tiftix;
 - (d) ippreżentata b'mod li jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli u jappoġġa, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jeħfief l-aċċess minn dawk il-gruppi;
 - (e) disponibbli għal perjodu ta' ħames (5) snin mill-mument meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jitqiegħed fis-suq, inkluż fil-każ ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha;

Meta t-tikketta diġitali tkun disponibbli b'aktar minn lingwa waħda, l-għażla tal-lingwi ma għandhiex tkun dipendenti fuq il-post ġeografiku.

4. Il-mezz ta' *data* użat għal tikketta diġitali għandu jiġi stampat jew jitqiegħed fiżikament fuq l-imballaġġ jew, meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jsiru disponibbli fis-suq bla imballaġġ, fuq id-dokument jew il-fuljett mogħti miegħu, b'mod viżibbli, leġibbli u li jkun jista' jiġi pproċessat b'mod awtomatiku minn apparat diġitali.

Artikolu 11c

L-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jipprovdu tikketta diġitali

1. L-operaturi ekonomiċi li jipprovdu tikketta diġitali ma għandhomx jitraċċaw, janalizzaw jew jużaw xi informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li hu meħtieġ assolutament biex l-informazzjoni rilevanti tingħata b'mod diġitali.
 2. Meta jintalbu mill-utenti finali, jew mingħajr il-bżonn ta' talba meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli temporanjament fil-mument tax-xiri, l-operaturi ekonomiċi li jkiegħdu prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq għal dawn l-utenti finali għandhom jipprovdu l-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta diġitali, b'mezzi alternattivi u bla ħlas.”;
- (5) fl-Artikolu 42, jiżdiedu l-paragrafi 9 u 10 li ġejjin:

“9. Sa [OP: *please insert the date = the first day of the month following 30 months after the date of entry into force of this Regulation*], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex tissupplimenta l-Artikoli 11b u 11c billi tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u l-kundizzjonijiet biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jipprovdu tikketta diġitali. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jistabbilixxu, b'mod partikolari, it-tipi ta' soluzzjonijiet tekniċi elettroniki li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jużaw biex jipprovdu t-tikketta diġitali, u l-mezzi alternattivi biex jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11c(2). Meta tadotta l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tiżgura l-koerenza ma' atti rilevanti oħra tal-Unjoni;
- (b) thegħġegħ l-innovazzjoni;

- (c) tiżgura n-newtralità teknoloġika billi ma tillimitax l-għażla ta' teknoloġija jew tagħmir, fil-limiti tal-kompatibbiltà u tal-evitar tal-indħil;
- (d) tiżgura li t-tikkettar diġitali ma jkunx jikkomprometti s-sikurezza tal-utent finali u tal-ambjent;
- (e) tqis il-livell tar-rieda diġitali tal-utenti finali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE.

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Anness III, fir-rigward tal-informazzjoni tat-tikkettar li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jipprovdu biss fuq tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 11a(3), il-punt (b), biex tadatta dak l-Anness mal-progress tekniku u xjentifiku jew mal-livell tar-rieda diġitali tal-utenti finali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Meta tadotta l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.”;

- (6) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (7) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn *[OP: please insert the date = the first day of the month following 30 months after the date of entry onto force of this Regulation]*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President